# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2021

## It-Tieni Sessjoni

**Il-Malti:** Il-Fehim mill-Qari

**Il-Marki:** 30 marka

**Il-Ħin:** 50 minuta

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

**Ħares lejn ir-reklam u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Iż-Żarbun Tiegħi



**Għandek bżonn żarbun pulit għal kuljum?**

**Trid tilbes żarbun modern mingħajr ma tonfoq flus?**

**Trid żarbun magħmul minn ġilda fina u sabiħa?**

**Trid żarbun komdu u tajjeb għall-mixi fit-tul?**

Fil-ħanut 'Iż-Żarbun Tiegħi' tista' ssib li tixtieq. Għandna għażla speċjali ta' stili varji għal kulħadd, li huma tajbin kemm għall-istaġun kiesaħ tax-xitwa kif ukoll għall-istaġun sħun tas-sajf. Ma' żewġ pari żraben, nagħtu **IEĦOR B'XEJN**.

Mela ejja żurna fil-ħanut tagħna li jinsab ġewwa **Triq il-Merħba fl-Iklin** jew ċemplilna fuq **98765432**.

PREZZIJIET FANTASTIĊI li bħalhom ma ssib imkien!

**Taħriġ A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħt ir-risposta t-tajba.**

L-ewwel waħda hija eżempju. (2 marki)

1. Il-ħanut ibigħ biss (<u>żraben</u>, papoċċi, sandlijiet).
2. Il-prezzijiet taż-żraben huma (għoljin, moderati, rħas).
3. Jingħata par żarbun b'xejn ma' (żewġ, tliet, erba') pari żraben.

**Taħriġ B: Imla l-vojt skont is-sens tas-sentenza.** (2 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

1. L-aħjar li tagħmel hu li tmur il-ħanut jew iċċempel fuq in-numru <u>98765432</u>.
2. Fil-ħanut issib ____________________ vasta ta' żraben.
3. Kull żarbun hu maħdum minn ____________________ sabiħa.

**Taħriġ Ċ: Qabbel il-kolonni skont ir-reklam.** (5 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Il-ħanut jismu | | billi jmur fil-ħanut stess. |
| 2. Iż-żraben tajbin | | tajjeb għall-mixi fit-tul. |
| 3. Hemm ħafna żraben | 1 | 'Iż-Żarbun Tiegħi'. |
| 4. Wieħed jista' jixtri żarbun | | ma ssib imkien bħalu. |
| 5. Kull prezz taż-żarbun | | għal kull staġun. |
| 6. Kull żarbun mhux biss huwa komdu għal kuljum imma | | bi stili differenti. |

**Taħriġ D:** (marka)

Ikteb **mod wieħed** kif dan ir-reklam jista' jasal għand il-konsumatur.

______________________________________________________________

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



### Mawra Mistennija

**L-Ewwel Parti**

Kont fuq ix-xwiek li nispiċċa l-eżamijiet tal-aħħar tas-sena u jibdew il-vaganzi tas-sajf. Kien dak is-sajf li l-ġenituri tiegħi wegħduni li, flimkien magħhom, kelli mmur l-Ingilterra biex niltaqgħu mal-kuġini tiegħi. Kont ilni ħames snin ma narahom. Din kellha tkun l-ewwel safra tiegħi. Il-kuġini tiegħi kienu ilhom jippreparawni għal dik il-ġurnata li flimkien kellna nqattgħu f'Fun Towers. (par. 1)

Il-ġenituri tiegħi qaluli li Fun Towers huwa park kbir ta' divertiment ġewwa Staffordshire viċin ħafna ta' fejn joqogħdu l-kuġini tiegħi. Ħadt interess u dħalt fuq l-internet biex infittex dwar dan il-post meraviljuż. Sibt li, minbarra d-diversi ġonna li fih, hemm ukoll ħafna rikbiet ta' divertiment. Fosthom qrajt li hemm ferrovija li ddawrek mal-ġonna u mal-madwar kollu ta' Fun Towers. Hemm ukoll rikba fuq dgħajsa żgħira fejn wieħed jaqdef fi xmara li ddawrek mal-park kollu, kif ukoll oħrajn li fihom tħossok tiela' fis-smewwiet u mbagħad tinżel f'salt u b'veloċità qawwija b'xi ftit dardir fl-istonku. Dan kollu fost diversi rikbiet oħra u li ridt nirkibhom kollha meta nkun hemm. Imma l-iktar rikba li kont ħerqan għaliha hi tal-cable car li ttellgħek f'għoli ta' għadd ta' metri biex tieħdok minn tarf sa ieħor ta' Fun Towers u lura. (par. 2)

Imma Fun Towers ma fihx biss rikbiet bħal dawn. Qrajt li fih ukoll għadd ta' restoranti, kafetteriji u ġonna kbar. Mhux ta' b'xejn li dan huwa wieħed mill-iktar parks ta' divertiment frekwentati fl-Ingilterra u fl-Ewropa. Fil-fatt huma miljuni ta' nies li jżuruh matul is-sena. (par. 3)

Kont fis-seba' sema meta kien wasal il-jum tant mistenni li mmorru l-Ingilterra. Qbadt il-basktijiet li kellna u tfajthom fil-but tal-karozza tan-nannu li kien se jwassalna sal-ajruport. (par. 4)

**Taħriġ A: Aħdem dawn li ġejjin skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha.

   Fis-sajf l-awtur kellu jiltaqa' mal-
   
   a) ħbieb tiegħu.
   
   b) ġenituri tiegħu.
   
   ċ) kuġini tiegħu.

2. Uri kif taf li l-vaganzi tas-sajf kienu għadhom ma bdewx meta l-awtur kiteb din is-silta.

   ______________________________

3. X'jagħtik tifhem li l-awtur interessa ruħu f'Fun Towers?

   ______________________________

4. Semmi attrazzjoni li laqtet lill-awtur.

   ______________________________

5. X'jurik li Fun Towers huwa wieħed mill-aktar parks popolari ta' divertiment?

   ______________________________

6. Mis-silta sib **żewġ espressjonijiet** li juru li l-awtur kien ħerqan għal din il-mawra.

   ______________  ______________

7. Li kieku inti kont minflok l-awtur, x'kont tagħmel differenti biex tħejji ruħek għal din is-safra?

   ______________________________

8. '...rikbiet li 'fihom tħossok tiela' fis-smewwiet ...'

   Oħroġ l-għerq ta' **tħossok**. ______________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**

Hekk kif wasalna Fun Towers mal-ewwel innutajt l-ammont kbir ta' nies biex jaqtgħu l-biljetti tad-dħul. Imnalla missieri laħaq ibbukkja dawn il-biljetti online. Hekk stajna naqbżu dawk il-kjuwijiet kollha u nidħlu bla ma noqogħdu nistennew. (par. 5)

Malli dħalna ġewwa laqagħna l-karattru ta' Batman, li flimkien ma' Wonder Woman bdew iqassmu mappa dettaljata ta' Fun Towers u kull attività li fih bħala gwida għalina matul il-ġurnata. Bqajt inħares lejhom. Ma ridtx nemmen. Ħassejtni qed noħlom. Jien irrealizzajt ukoll bid-differenza bejn dak li taqra u dak li tara. Dan għax, matul il-ġurnata f'Fun Towers, sibt iżjed rikbiet u attrazzjonijiet differenti minn dak li kont qrajt. Attrazzjoni li żgur ma ninsiex hi meta jien u l-kuġini tiegħi tlajna fuq dgħajsa f'wiċċ l-ilma. Minn hemm qdifna 'l quddiem u dħalna ġo tubu kbir mudlam bl-ilma jiġri. Bdejna ninġarru minn dan l-ilma, telgħin u neżlin kultant b'saħħa kbira, induru f'salt, daqqa lejn ix-xellug u daqqa lejn il-lemin fost it-twerżiq u l-għajjat tan-nies li kienu f'dgħajjes oħra f'dan it-tubu. Kienu għaxar minuti ta' eċitament kbir. Mhux ta' b'xejn kien hemm serbut twil ta' nies jistennew li jirkbu! (par. 6)

Jgħidu li l-Maltin **jaħsbu għal żaqqhom** u jidher li Fun Towers kien jafha din. Wara ġurnata telgħin u neżlin minn rikba għal oħra, il-ġenituri tiegħi ħaduna f'wieħed mill-erba' restoranti li hemm. Fl-opinjoni tiegħi dan kien l-isbaħ restorant minnhom kollha. Peress li dan qiegħed fuq għolja, gawdejna xenarji sbieħ waqt li kilna ikla li niżlitilna għasel. (par. 7)

Skantajt mhux ftit meta, hekk kif wasalna lura d-dar wara l-btala tagħna mill-Ingilterra, ftaħt il-kaxxa tal-ittri u nsib envelop imdaqqas bit-timbru ta' Fun Towers stampat fuqu. Meta ftaħtu sibt tliet ritratti li fihom kien hemm jien flimkien mal-kuġini tiegħi waqt ir-rikba tagħna ġo dan it-tubu. Wiċċna kien jixhed il-biża' imma fl-istess ħin, il-ferħ li konna qed inħossu waqt din l-esperjenza unika. (par. 8)

**Taħriġ B: Wieġeb dawn li ġejjin skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Għaliex ġiethom tajba li l-missier ibbukkja l-biljetti tad-dħul online?

______________________________

______________________________

2. Fl-opinjoni tiegħek, għaliex l-awtur baqa' jħares lejn il-karattri ta' Batman u Wonder Woman?

______________________________

______________________________

3. Min kien mal-awtur fuq ir-rikba tad-dgħajsa?

______________________________

4. Kif nafu li kien hemm interess kbir għar-rikba li spjegalna l-awtur?

______________________________

______________________________

5. Xi tfisser l-espressjoni **'jaħsbu għal żaqqhom'** (par. 7)?

______________________________

______________________________

6. Minn par. 7, sib l-espressjoni li tgħid li l-ikla għoġbithom ħafna.

______________________________

7. 'Malli dħalna ġewwa laqagħna l-karattru ta' Batman…'

   Kieku l-awtur mar waħdu Fun Towers, kif kien jiktibha din il-frażi?

   Imla l-vojt.

   'Malli ______________ ġewwa ______________ l-karattru ta' Batman…'

**Taħriġ Ċ: Aħdem dawn fuq is-silta kollha.** (4 marki)

1. Semmi **żewġ emozzjonijiet** li fil-fehma tiegħek l-awtur esperjenza hu u ħiereġ minn Fun Towers. Ikteb għaliex taħseb li ħass dawn l-emozzjonijiet.

___

___

___

___

2. Wara dak li qrajt, agħti **żewġ raġunijiet** għaliex taħseb li għandu jkollna park ta' divertiment bħal dan fil-gżejjer Maltin.

___

___

___

___

## Tmiem il-karta